



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 19 ta' Jannar 2024
(OR. en)

5292/24

CDR 12

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett:	DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li taħtar membru supplenti, propost mir-Renju tad-Danimarka, fil-Kumitat tar-Reġjuni
----------	--

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2024/...

ta' ...

**li taħtar membru supplenti,
propost mir-Renju tad-Danimarka,
fil-Kumitat tar-Reġjuni**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 305 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/852 tal-21 ta' Mejju 2019 li tiddetermina l-kompożizzjoni tal-Kumitat tar-Regjuni¹,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Gvern Daniż,

¹ ĠU L 139, 27.5.2019, p. 13.

Billi:

- (1) Skont l-Artikolu 300(3) tat-Trattat, il-Kumitat tar-Reġjuni għandu jkun kompost minn rappreżentanti tal-korpi reġjonali u lokali, li jew ikollhom mandat elettoralali ta' awtorità reġjonali jew lokali jew ikunu politikament responsabbli quddiem assemblea eletta.
- (2) Fit-18 ta' Lulju 2022, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (UE) 2020/1257¹, li taħtar ħames membri u seba' membri supplenti, proposti mir-Renju tad-Danimarka, fil-Kumitat tar-Reġjuni.
- (3) Konsegwentement għar-riżenja tas-Sur Flemming KNUDSEN, sar vakanti s-siġġu ta' membru supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni.
- (4) Il-Gvern Daniż ippropona lis-Sur Henrik Gottlieb HANSEN, rappreżentant ta' korp reġjonali li għandu mandat elettoralali ta' awtorità reġjonali, *Regionsrådsmedlem, Regionsrådet, Region Midtjylland* (Kunsillier Reġjonali, Kunsill Reġjonali tad-Danimarka Ċentrali), bħala membru supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-25 ta' Jannar 2025,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

¹ Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2022/1257 tat-18 ta' Lulju 2022 li taħtar ħames membri u seba' membri supplenti, proposti mir-Renju tad-Danimarka, fil-Kumitat tar-Reġjuni (ĠU L 191, 20.7.2022, p. 63).

Artikolu 1

Is-Sur Henrik Gottlieb HANSEN, rappreżentant ta' korp reġjonali li għandu mandat elettoral, *Regionsrådsmedlem, Regionsrådet, Region Midtjylland* (Kunsillier Reġjonali, Kunsill Reġjonali tad-Danimarka Ċentrali) huwa b'dan maħtur bħala membru supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-25 ta' Jannar 2025.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi ...,

Għall-Kunsill

Il-President
